# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

## Maġistrat Dr. Jean Paul Grech B.A., LL.D
**M.Juris (Int. Law), Adv. Trib. Eccl. Melit**

**SENTENZA**

Mogħtija illum, il-Ħamis, l-erbgħa (4) ta' Lulju 2024

Kawża Nru 3014/2023

**Il-Pulizija**
**(Spettur Kurt Farrugia)**

vs

**Carmel Buttigieg**

Il-Qorti,

Rat l-akkuża miġjuba kontra **Carmel Buttigieg,** iben Anthony u Rosina Buttiegieg imwieled fit-tnejn (2) ta' Marzu 1956 u residenti "Sunrise Court" Penthouse 8, Triq il-Qrempuc, Marsascala, detentur tal-karta tal-identita 214156(M) fejn huwa ġie akkużat talli nhar l-erbgha (4) ta' Marzu 2023 għall-ħabta ta' bejn l-għaxra u nofs (10.30hrs) u l-ħdax neqsin kwarti ta' filgħodu (10.45hrs) fi Triq il-Qaliet, Marsascala:

(1) ħebb għal Paolo Busuttil u kkaġunalu offiżi ta' natura ħafifa skont kif iċċertifikat minn Dr. J.P. Camilleri ta' Paola Health Centre.[1]

(2) volontarjament kiser il-bon ordni jew il-paċi pubblika b'għajjat u storbju.[2]

F'kaz ta' ħtija l-Qorti ġiet mitluba sabiex tapplika l-artiklu 383 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta għas-sigurta tal-istess Paolo Busuttil.

Rat illi l-atti odjerni ġew assenjati lil din il-Qorti kif preseduta nhar it-tmintax (18) ta' Marzu 2024 tramite l-Assenjazzjoni ta' Kawżi u Doveri maħruġa ai termini tal-Artikolu 11(3) tal-Kap. 12 tal-Liġijet ta' Malta u l-Artikolu 520 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Semgħet lill-Prosekuzzjoni u lid-difiża jiddikjaraw fis-seduta tas-disgħa (9) ta' Mejju 2024 li huma kienu qegħdin jeżentaw lill-Qorti milli terġa ' tisma' mill-ġdid ix-xhieda li kienu ġew prodotti sa dakinhar kif wkoll milli jiġu sottomessi mill-ġdid d-dokumenti preżentati sa dak l-istadju;

Rat il-provi kollha miġbura inkluż wkoll ix-xhieda li iddeponew quddiem din il-Qorti diversament preseduta;

Semgħet ix-xhieda li xehdu quddiemha;

---

[1] Artikolu 221(1) tal-Kap 9
[2] Artikolu 338(dd) tal-Kap 9

Semgħet is-sottomissjonijiet tal-partijiet;

Ikkunsidrat;

Il-fatti tal-każ huma s-segwenti: nhar l-Erbgħa (4) ta’ Marzu 2023 il-parte civile Paolo Busuttil flimkien ma’ martu Mary Busuttil għamlu rapport fl-Għassa tal-Pulizija ta’ Marsaskala fil-konfront ta’ raġel li l-identita tiegħu sa dak il-ħin ma kinitx għadha magħrufa lilhom għar-raġuni li dan kien ipparkja l-vettura tiegħu quddiem il-garaxx tagħhom. Huma ma setgħux idaħħlu l-vettura fil-garaxx tagħhom. Fil-vettura kien hemm persuna femminili u infurmawha li huma riedu jidħlu fil-garaxx tagħhom.

Il-persuna femminili ħarġet mill-vettura u Mary Busuttil marret iddawwar il-vettura biex ma tostakolax it-triq sakemm il-vettura titneħħa minn quddiem il-garaxx tagħha. X’ħin reġgħet waslet quddiem il-garaxx tagħha l-vettura kienet għadha hemm iżda fiha ma kien hemm ħadd. F’dan il-punt il-kwerelant ħareġ barra mill-vettura tiegħu biex jara ta’ min kienet il-vettura, fetaħ il-bieba tal-istess vettura u ipprova jdoqq il-ħorn tal-istess vettura. Fil-pront tfaċċa raġel li għamel idejh ma’ wiċċ il-parte civile u qallu sabiex ma jmissx il-vettura tiegħu. Busuttil qallu biex ineħħi idejh minn wiċċu u pprova jirraġuna miegħu. Iżda dan ir-raġel f’daqqa waħda imbuttah mal-art. Paolo Busuttil waqa’ u ġie fuq idu u kważi ġie mtajjar minn vettura tal-linja. Huwa eventwalment mar il-poliklinika fejn ġie ċertifikat illi kellu ġrieħi ta’ natura ħafifa.

Il-Pulizija rnexxielha tidentifika lil sid il-vettura li kienet parkeġġjata quddiem il-garaxx tal-parte civile. Sid din il-vettura rriżulta li kien lp-akkużat Carmel Buttigieg bil-karta tal-identita numru 214156(M). Meta Buttigieg irraporta l-Għassa tal-Pulizija ta' Marsaskala u wara li huwa kien mogħti d-drittijiet legali tiegħu u anke ikkonsulta ma' Avukat, huwa sostna li kien minnu li kien ipparkja l-vettura tiegħu quddiem il-garaxx ta' Busuttil. Sostna li huwa kien ħalla lill-mara fil-vettura tiegħu. Hekk kif il-mara marret tinfurmah biex iħarrek il-vettura u huwa ħareġ biex jagħmel dan, huwa sab lil Busuttil imiss il-vettura tiegħu. Huwa informa lil Busuttil biex il-vettura ma jmisshiex għax ma kinitx tiegħu. Buttigieg sostna li huwa daħal fil-vettura tiegħu sabiex isuq u hekk kif kien ser isuq Paolo Buttigieg mar mal-ħġieġa tal-vettura tiegħu u reġa' staqsieh għalfejn kien ipparkja hemm. Buttigieg stqarr li huwa kemm kemm fetaħ il-bieba biex ikun jista' jsuq u Busuttil f'dak il-ħin waqa' waħdu jew tfixkel f'saqajh. Buttigieg ċaħad li huwa kien imbuttah. Kif ra li Busuttil qam mill-art, huwa telaq minn fuq il-post.

Ikkunsidrat;

## A. <u>L-Ewwel Akkuża – Artikolu 221(1) tal-Kap. 9</u>

F'din l-ewwel akkuża, Buttigieg qiegħed jiġi akkużat li huwa ħebb u ikkaġuna ferita ta' natura ħafifa fuq il-persuna tal-parte civile. Il-Qorti hija rinfaċċjata b'żewġ verżjonijiet kontrastanti dwar kif seħħ l-inċident.

Min-naħa hemm il-parte civile Paolo Busuttil li jistqarr li huwa ġie imbuttat mill-akkużat u min-naħa l-oħra hemm il-verżjoni tal-akkużat li jinsisti li Paolo Busuttil tfixkel f'saqajh u waqa' fl-art. Huwa x-xhud Joseph Ciprian Magro li jitfa' dawl fuq l-akkadut. Dan ix-xhud jistqarr kif huwa kien fid-dar tiegħu, sema' kommozzjoni barra u ħareġ jittawwal biex jara eżatt x'kien għaddej. Huwa innota li l-akkużat kellu l-vettura quddiem il-garaxx ta' Busuttil. Il-parte civile kien qed jinsisti mal-akkużat biex dan iħarrek il-vettura. Meta Busuttil insista b'ton aktar sod biex l-akkużat iressaq il-vettura tiegħu, Buttigieg ħareġ mill-vettura u imbotta lill-parte civile. B'konsegwenza ta' din l-imbuttatura Busuttil waqa' fl-art. Huwa minnu li dan ix-xhud huwa ġar tal-istess parte civile. Pero dan il-fatt waħdu m'għandux jitfa' dubji fuq il-kredibbilita tiegħu. Ix-xhud illimita ruħu għall-fatti kif rahom hu u xehed fuq dak li kien jaf hu. Per eżempju meta mistoqsi fuq x'vettura kien qed isuq l-akkużat, huwa mill-ewwel qal li l-kulur tal-vettura ma kienx jiftakru. Spjega wkoll kif huwa wara li ra l-imbuttatura u lil Busuttil jaqa' fl-art niżel isfel fit-triq u allura spjega li ma setax jagħti aktar dettalji fuq dak li kien ġara fil-frattemp. Għal Qorti dawn huma dettalji li jikkonfermaw kemm dan ix-xhud xehed il-verita u l-Qorti m'għandha l-ebda raġuni sabiex tiddubita dak li qal dan ix-xhud.

Huwa ċar għalhekk għall-Qorti li l-akkużat verament ħebb għall-parte civile. L-ostakolu pero li għandha l-Qorti sabiex tasal biex tikkonkludi li per kawża ta' dan il-ħebb ġew ikkaġunati feriti ta' natura ħafifa fuq il-persuna tal-parte civile huwa l-fatt li ċ-ċertifikat mediku maħruġ minn

Dr JP Camilleri u esebit in atti baqa' ma ġiex konfermat bil-ġurament mill-istess tabib. Infatti dan it-tabib la ġie imsejjaħ biex jixhed u lanqas ġie preżentat affidavit tiegħu. Dan ifisser li l-Prosekuzzjoni naqset li iġġib l-aħjar prova għar-rigward il-ġrieħi li ġew sofferti mill-parte civile. Din il-Qorti ma tistax tagħmel tajjeb hija stess għal dan in-nuqqas tal-Prosekuzzjoni u għalhekk tista' tasal biss biex issib ħtija li l-akkużat ħebb għall-parte civile iżda mhux wkoll li per kawża ta' dan il-ħebb ġew kaġunati feriti ta' natura ħafifa fuq il-persuna tal-istess parte civile.

## B. It-Tieni Akkuża – Artikolu 338(dd) tal-Kap. 9

It-tieni akkuża tikkonċerna l-ksur tal-buon ordni u l-paċi pubblika. Kif irrimarkat il-Qorti fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Rocco D' Alessandro**, [3] sabiex tinstab ħtija taħt din il-kontravvenzjoni huwa fundamentali li *"jkun hemm għemil volontarju li minnu nnifsu jew minħabba c-cirkostanzi li fihom dak l-għemil iseħħ inissel imqar minimu ta' inkwiet jew tħassib f'moħħ persuna (li ma tkunx l-akkużat jew imputat) dwar l-inkolumita` fiżika ta' persuna jew dwar l-inkolumita` ta' proprjeta`, kemm b'rizultat dirett ta' dak l-għemil jew minħabba l-possibilita` ta' reazzjoni għal dak l-għemil. Naturalment dawn iċ-ċirkostanzi jridu jkunu tali li oġġettivament inisslu l-imsemmi nkwiet jew tħassib."*

[3] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-20 ta' Mejju 2013 (Appell Kriminali Numru 223/2012). Riportata wkoll fis-sentenza fl-ismijiet ***The Police vs Joseph Feilazoo*** (Appell numru 44/2019) deċiż mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-16 ta' Mejju 2019.

Din il-Qorti tqis li din il-kontravvenzjoni ġiet ampjament ippruvata. L-inċident ikkaġuna kommozzjoni, liema kommozzjoni instemgħet mix-xhud Joseph Ciprian Magro li dak il-ħin kien qiegħed fir-residenza tiegħu. Kienet din il-kommozzjoni li waslitu sabiex huwa joħroġ fuq barra tal-gallarija tiegħu biex jara eżattament x'kien qiegħed jiġri. Infatti in kontro-eżami huwa jistqarr li sema' *"għajjat u storbju"*.[4] Apparti minn hekk l-aġir tal-akkużat nissel fih tħassib għar-rigward l-inkoluminita fiżika tal-parte civile meta rah jaqa' mal-art wara l-imbuttatura. Infatti l-istess xhud qabad u niżel isfel fit-triq biex jgħin lil Busuttil għax dan spiċċa ma setax iqum mill-art.

- **<u>Decide</u>**

Għaldaqstant għal dawn il-motivi l-Qorti:

(a) **<u>mhux qed issib lill-akkużat ħati</u>** tat-tieni parti tal-ewwel akkuża fis-sens li ikkaġuna feriti ta' natura ħafifa fuq il-persuna ta' Paolo Busuttil;

(b) wara li rat l-artikoli 339(1)(d) u l-artikolu 338(dd) tal-Kap. 9 **<u>qed issib lill-akkużat ħati</u>** tal-ewwel parti tal-ewwel (1) akkuża fis-sens li huwa ħebb għal Paolo Busuttil kif wkoll ħati tat-tieni (2) akkuża. Il-Qorti qed tikkundanna lill-ħati għall-ħlas ta' ammenda komplessiva ta' ħamsin ewro (€ 50).

[4] Ara xhieda mogħtija fis-seduta tat-23 ta' Ottubru 2023.

Finalment il-Qorti wara li rat l-artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta sabiex tipprovdi għas-sigurta ta' Paolo Busuttil kif ukoll sabiex jinżamm il-bon ordni pubbliku qiegħda torbot lill-ħati taħt obbligazzjoni tiegħu innifsu għal perjodu ta' sena u dan taħt penali ta' ħames mitt ewro (€ 500).

**Dr. Jean Paul Grech**

**Maġistrat**